MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Numru. 616/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Bugeja**

Kaz Numru: 616/2013

Illum 4 ta’ Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Bugeja**, bin John u Emanuela neé Azzopardi, imwieled fis-17 ta’ Mejju 1947, residenti fil-fond numru 21, Triq Manuel De Vilhena, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 45347(G), akkuzat talli:

1. nhar is-27 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tas-6:00p.m. fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura CAE 687 tal-marka Isuzu jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura tieghu fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2. irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs mehtieg hekk kif stabbilit taht dan l-artikolu jew regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15A(1) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u mitejn Euro (€ 1200.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' sitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------